Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 739/2013AE

**Top Drawer Limited**

**Vs**

**Matthew Portelli**

Il-Gimgha, 3 ta' Gunju 2016.

L-attrici harrket lill-konvenut ghas-somma ta- €2,978 bilanc ta' prezz ghall-persjani tal-injam li l-attrici ghamlet fuq inkarigu tal-konvenut. L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut kienet li l-azzjoni attrici hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili li jipprovdi li huma preskritti bl-eghluq ta' sentejn l-azzonijiet tal-kuntratturi tal-injam, gebel, jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjal li jipprovdu. B'sentenza tal-11 ta' Frar 2015, it-Tribunal cahad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni wara li qal:

*"It-Tribunal, li kif presedut osserva lix-xhieda jixhdu, hu konvint li meta l-konvenut gharraf lis-socjeta attrici, l-ewwel b'email address gdid u li beda jinsisti li l-fond ma kienx ghadu tieghu, (dana f'kuntatti telefonici insistenti min-naha tal-kumpannija) kien qed jaccetta u jammetti l-obbligu li kellu versu l-kumpannija u b'hekk kien qed jinterrompi l-preskrizzjoni".*

Il-konvenut appella mis-sentenza u lmenta li:

1. Quddiem it-Tribunal qatt ma gie sollevat l-argument li l-preskrizzjoni giet interrotta. Ghalhekk it-Tribunal ma setax jiddeciedi li kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni.
2. F'kull kaz ma kienx hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

L-attrici wiegbet li l-appell hu null ghaliex prezentat tardivament, u mbaghad tat ir-ragunijiet ghalfejn is-sentenza ghandha tigi kkonfermata.

**<u>Eccezzjoni ta' nullita tal-appell</u>**.

Il-qorti tichad l-eccezzjoni in kwantu:-

i. Mill-atti jirrizulta li s-sentenza nghatat fil-11 ta' Frar 2015. Fis-17 ta' Frar 2015 il-konvenut talab lit-Tribunal jaghtih permess biex jappella mis-sentenza. B'digriet tad-19 ta' Frar 2015 it-Tribunal laqa' t-talba. Fis-6 ta' Marzu 2015 il-konvenut ipprezenta l-appell.
ii. L-Artikolu 231 tal-Kap. 12 japplika ghal sentenzi *in parte* tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar. F'dan il-kuntest issir riferenza ghal sentenza **Carmel Falzon et vs Dr Andrew Zammit et** tal-31 ta' Ottubru 2007, li wkoll kienet titratta appell minn sentenza in parte tal-istess Tribunal fejn dak il-provvediment gie applikat (ara wkoll sentenza ta' din il-qorti tas-7 ta' Frar 2012 fil-kawza **John Agius vs Champalin Company Limited**).

Din l-eccezzjoni hi michuda.

**Aggravji**.

Fl-ewwel lok meta t-Tribunal iddecieda dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, a bazi tal-provi li tressqu kellu jiddetermina jekk l-azzjoni tal-attrici hijiex preskritta. F'dan l-ezercizzju t-Tribunal kellu bilfors jikkunsidra jekk per ezempju kienx hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Dan irrispettivament jekk l-attrici argumentatx jew le li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kellha tigi michuda minhabba interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Ghalhekk l-ewwel aggravju hu michud.

F'dan il-kaz il-konvenut ghazel li jixhed minn jeddu (3 ta' April 2014) u stqarr li:-

i. Fil-11 ta' Gunju 2010 kien hallas is-somma ta' €975 bhala depozitu fir-rigward tax-xoghol li dwaru kien inghata stima datata 16 ta' Marzu 2010;
ii. Kien ircieva email datata 3 ta' Mejju 2012 minghand Adrian Bartolo, direttur tas-socjeta attrici, li nfurmah li kienu sabu x-xoghol f'mahzen u talbu jipproponi gurnata meta tkun tista' ssir konsenja tax-xoghol. Wara kien cempel lil Bartolo u qallu li kien biegh il-fond u *"... qalli din mhux problema ngiblek il-persjani l-ufficcju tieghek u hallasni u jiena ghidtlu li wara sentejn ma kienx sew li jigi jghidli li ha jaghmel l-installation jew igibli l-merkanzija"*. Jirrizulta li b'kuntratt tas-16 ta' Marzu 2012, il-konvenut biegh il-fond.

Sahansitra l-appellant ippropona rikonvenzjoni li biha talab il-hlas ta' €975, ammont li kien hallas bhala depozitu meta ta l-inkarigu lis-socjeta attrici. Ghalkemm it-Tribunal ikkonkluda li l-konvenut *"... kien qed jaccetta u jammetti l-obbligu li kellu versu l-kumpannija u b'hekk kien qed jinterrompi l-preskrizzjoni,"* il-qorti hi tal-fehma li dan ma jirrizultax mill-atti. Skond l-Artikolu 2133 tal-Kodici Civili:

*"Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur **jaghraf il-jedd** tal-parti li kontra taghha dak il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja."*

Minkejja dak li qal it-Tribunal, m'hemmx prova li l-konvenut ammetta li hu debitur tal-attrici.

Madankollu ghal finijiet ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni il-konvenut kellu l-obbligu li jaghti prova li l-perjodu ta' sentejn kienu ghaddew meta l-attrici pproponiet il-kawza. Skond l-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili, preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li ***".. din l-azzjoni tista' tigi ezercitata..."***. L-attrici pproponiet l-azzjoni ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz miftiehem. Irrizulta li l-xoghol tlesta f'Ottubru 2010. Ma rrizultax x'seta' kien il-ftehim bejn il-partijiet dwar meta kellu jsir il-hlas tal-ammont oggett tal-kawza. Fl-istima li tat l-attrici datata 16 ta' Marzu 2010 jinghad: *"Balance to be discussed."* Madankollu meta tqies li mal-ordni thallas depozitu ta' €975, li kien hemm bzonn li x-xoghol jigi nstallat u waqt li l-aperturi kienu qeghdin jigu manifatturati ma jirrizultax li saru xi pagamenti ohra, il-qorti tifhem li l-obbligu tal-hlas kien meta l-aperturi jitpoggew fil-post u mhux qabel. Jidher li f'dan il-kaz wara li l-konvenut ordna x-xoghol u f'Ottubru 2010 tlesta x-xoghol, hadd mill-partijiet ma kkomunika mal-parti l-ohra sabiex issir il-konsenja u jitwahhlu l-aperturi. Jidher li kien biss fil-bidu ta' Mejju 2012 li Adrian Bartolo ghamel kuntatt mal-konvenut, meta baghatlu email fejn infurmah:-

*"We have just done a stock take in a separate store from our factory in Mosta and found your louvers and windows behind wooden sheets. These items are ready to be installed."*

Il-qorti fehmet li f'dak l-istadju il-konvenut ghamel kuntatt ma' ufficjal tas-socjeta attrici u nfurmah li kien biegh il-fond u wara dak iz-zmien kollu ma kienx ser ihallas ghall-aperturi li ma kellux bzonn. F'dan ix-xenarju l-qorti hi tal-fehma li l-iktar kmieni li setghet bdiet

tiddekorri l-preskrizzjoni kien proprju f'dak l-istadju. Minn dak iz-zmien sakemm giet pprezentata l-kawza (18 ta' Novembru 2013), m'ghaddewx sentejn.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-eccezzjoni li l-appell hu null.**
2. **Tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-konvenut**.

**L-atti ghandhom jintbaghtu lit-Tribunal sabiex jissokta bis-smiegh tal-kawza**.

Anthony Ellul.